IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 3 t'Awwissu, 2026

Rikors numru: BCT/47/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Maurizio Schembri

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' email datata 16 ta' Gunju, 2026 permezz ta' liema l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 21 ta' Mejju, 2026 fejn permezz taghha l-Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) u dana peress li "*fid-19 ta' Mejju, 2026 kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel, saru xogholijiet ta' skavar li mhux konformi mal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.06, senjatament minhabba li nqast mir-responsabbilitajiet tieghek ghall-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qeghdin jkunu anness u immarkat bhala Dok BCA1 Affidavit tal-Ufficjal tal-Awtorita`, liema juri bic-car li l-ksur li sehh, hekk kif elenkat mill-Awtorita`*
3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra id-dokumenti sottomessi mill-appellanti u wkoll mill-Awtorita` appellata.

Ra li l-appell gie differit ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota permezz tad-decizjoni appellata, l-Awtorita` tallega li fid-19 ta' Mejju, 2026 u kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel, saru xogholijiet ta' skavar mhux konformi mal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.06, senjatament minhabba li l-appellanti naqas mir-responsabbilitajiet tieghu ghall-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu.

Illi permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li qed jikkontesta kemm il-fatt li huwa naqas mill-obbligi tieghu ghall-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu u wkoll l-imposizzjoni tal-penali fis-somma ta' hames mitt euro (€500). It-Tribunal jinnota li l-appell jaghmel referenza ghal xi anness (rikors) mal-email mibghutha imma ma' tali email ma kien hemm l-ebda annessi.

Illi a sostenn tad-decizjoni taghha, l-Awtorita` ressqet l-affidavit tal-ufficjal taghha Alexei Debono b'annessi ritratti u trail of events minn fejn jirrizulta li s-sit gie spezzjonat fid-19 ta' Mejju, 2026 fuq ilment "*To check if excavation works taking place are in accordance with the method statement and to check if machinery used is in accordance with the method statement -penumatic drill*". Fil-21 ta' Mejju, 2026 "*Stop work (was) issued due to works not following the method statement.*" Jidher illi l-ghada stess ossija fit-22 ta' Mejju, 2026 "*Perit updated the method statement*" li gie approvat mill-Awtorita` fil-25 ta' Mejju, 2026.

It-Tribunal jinnota li mis-surreferit jirrizulta li d-dikjarazzjoni tal-metodu ma kienx qed jigi segwit in vista tal-makkinarju utilizzat ghat-thaffir. F'dan ir-rigward, permezz tal-email tieghu datata 13 ta' Lulju, 2026, l-appellanti prezenta d-dikjarazzjoni tal-metodu kif gie rivedut u wkoll dikjarazzjoni da parti tal-perit "*that he was at fault and he immediately updated the method statement as per attached that is why we have requested this appeal*".

Fil-fatt id-dikjarazzjoni kif emendata tipprovdi li "*The central reservoir will be excavated ... using a pneumatic hammer excavator.*" Il-lista ta' makkinarju utilizzat jinkludi wkoll "*Attachment to mechanical excavator; pnaumatic hammer*" Permezz ta' email datata 22 ta' Mejju, 2026 George Fenech jindirizza lill-ufficjal tal-Awtorita` u jinfurmaha li: "*As outlined in this morning's email, the pneumatic attachment was mistakenly removed from the method statement*."

Illi minn dan kollu jirrizulta li huwa minnu li l-appellanti naqas milli jenforza dak dikjarat fid-dikjarazzjoni tal-metodu billi uza makkinarju li ma kienx gie hemmhekk indikat u elenkat, salv illi dan in-nuqqas gie rettifikat bil-prezentata ta' dikjarazzjoni aggjornata. Mill-korrispondenza jirrizulta, fil-fatt, li jekk l-access fuq is-sit sehh, kif imfisser hawn fuq, fid-19 ta' Mejju, 2026, fit-22 ta' Mejju, 2026 id-dikjarazzjoni giet aggjornata sabiex tirrifletti x-xoghol li kien qed isir fuq is-sit. Huwa minnu allura li l-appellanti ha l-mizuri kollha tempestivi sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni tieghu pero` din ma tistax isservi bhala skuzanti sabiex tiggustifika l-ksur tal-obbligi tieghu skont il-ligi, kif jinsab pruvat, bl-uzu ta' makkinarju mhux indikat fid-dikjarazzjoni tal-metodu. L-izball /jew l-azzjoni tempestiva da parti tal-appellanti tista' se mai tincidi fuq l-ammont tal-penali. Madanakollu, f'dan il-kaz ghandu jigi kkunsidrat ukoll li anke allegat zball jista' jwassal ghal sitwazzjoni fejn anke il-kopertura assikurattiva tigi affetwata. Fil-fatt, f'dan il-kaz, l-ufficjal tal-Awtorita` jindika fil-minuta datat 25 ta' Mejju, 2026 li "*Insurance had to be updated with the minutes of the revised method statement*".

Fic-cirkostanzi t-Tribunal isib li l-penali imposta hija wahda eccessiva u qieghed jirriduci l-istess ghal dik is-somma aktar ekwa u gusta ta' mitejn u hamsin euro.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' parzjalment l-appell sakemm konformi mas-surreferit u konsegwentement jirriduci l-penali imposta ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru